MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2008

Numru. 59/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Saleh Salem Mohamed ta’ 30 sena bin Salem u Fatima nee` unknown, imwieled fi Tripoli fl-24 ta’ Dicembru 1978, minghajr indirizz f’Malta, detentur tal-passaport Libjan number 162550**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Saleh Salem Mohamed u cioe` talli fil-21 ta’ Jannar 2008 mal-wasla tieghu mat-Titjira LN146 minn Tripoli, xjentament naqas li jiddikjara lill-Ufficjali tad-Dwana billi ghadda mill-*Green Channel* b’24 landa b’1000 pillola ‘Anabol’ kull landa

L-importazzjoni taghhom hija ristretta. Dawn ghandhom valur totali ta' €7044 (Lm3023.98,9) u Dazju Xejn

U dan bi ksur ta' l-Artikoli 60(h), 62(i) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, u kif ukoll bi ksur tar-Regolament 22(4) tar-Regolamenti tad-Dwana Legislazzjoni Sussidjarja 37.05 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu prodotti medicinali ghall-uzu tal-bniedem f'ammonti li jindikaw li mhumiex ghall-uzu esklussiv tieghu minghajr ma kellu licenzja ta' negozjant bl-ingrossa mahruga skond l-Att Dwar il-Medicinali Kap 458, ai termini ta' l-artikoli 54(1), 76(1) u 99(1)(a), Kap 458 ta' l-Att Dwar il-Medicini AL.387/2004.

U aktar talli fl-istess zmien lok u cirkostanzi importa prodott medicinali f'Malta minghajr awtorizzazzjoni ghall-bejgh valida mahruga mill-Awtorita ghall-hrug ta' Licenzji skond Regolament tal-Kunsill Numru (EEC)2309/93 tat-22 ta' Lulju 1993, ai termini ta' l-AL387/2004.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni mghamula mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata u dana wara li l-Qorti tghat zmien lill-imputat sabiex jirrikunsidra l-istess.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fuq ammissjoni ta' l-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in kunsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ammetta mal-ewwel ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif ukoll il-fedina penali ta' l-imputat minn fejn jirrizulta li din hija l-ewwel darba li kkommetta dan it-tip ta' reat hawn Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 60(h) u ( c ) ta’ l-Att dwar id-Dwana Chapter 37, Reg 22(4), LS37.05 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament tal-Kunisill Numru (EEC) 2309/03 tat-22 ta’ Lulju 1993, ai termini ta’ l-A.L. 687/04 qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal zmien sitt (6) xhur prigunerija, li bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mill-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti qeda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ Dok MG u d-distruzzjoni ta’ l-istess dokument u ghal dan il-ghan qed tidderiegi lill-Awtorita Dwar il-Medicinali sabiex tiehu hsieb li ssir dina d-distruzzjoni.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ l-atti u s-sentenza jintbghatu lill-Avukat Genrali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------